MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 64/2004

**Ta' Dirjanu Bottle Shop**

**vs**

**Joe Vella**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghid inti konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat thallas l-ammont ta' mitejn erbgha u tmenin lira Maltija u disgha u sittin centezmi (Lm284.69c) rapprezentanti mitejn sitta u erbghin lira Maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm246.87c) ammont dovut fuq merkanzija ikkonsenjata lilek f'Marsalforn Hotel, Rabat Road, Marsalforn, Ghawdex fuq istruzzjonijiet tieghek stess; skond ma jirrizulta mill-annessa invoice Dok. A.

U sebgha u tletin lira maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm37.82c) interessi mid-data tal-konsenja sat-30 ta' Gunju 2004.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-12 ta' Marzu 2004 kontra tieghek, u tal-ittra ufficjali ta' April 2004 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt."

Wara li ra n-Nota tad-dikjarazzjonijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu tieghu jigi ppruvat (Art 698(2) u 702 Kap 12);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-1 t'Ottubru 2004; f'liema data gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas ghal dik tal-lum li fiha l-kapitoli gew moqrija u dan minghajr ma gab ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu. It-Tribunal jirrileva illi l-konvenut baghat certifikat mediku biex jiggustifika n-nuqqas ta' dehra tieghu liema certifikat intbaghat informalment lir-Registratur u ma ddahhalx formalment fl-atti. It-Tribunal pero' ma jidhirlux li ghandu jaghti kredibilita' lil dan ic-certifikat l-iktar billi sfortunatament certifikati bhal dawn qeghdin jinhargu ta' spiss biex jikkawzaw dewmien inutili.

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet m'ghandhomx jitqiesu ammessi u accettati;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut u ghalhekk jikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM284.69c hlas ta' xoghol ta' merkanzija lilu mibjugha u kkunsinnata; bl-imghax legali mit-30 ta' Gunju 2004 sad-data tal-effettiv pagament; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-12 ta' Marzu 2004 u tal-ittra ufficcjali pprezentata f'April 2004.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------